**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 14 ta’ Lulju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 84 / 16RGM

Kawza fil-lista: 11

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fir-Registru Pubbliku ta' Malta’ fid-27 ta’ Novembru 2001 wara korteggament u gherusija ta' madwar sena u minn dan iz-zwieg ma' kellhomx tfal.

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba inkompatabilita' ta' karattru, sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenut;

3. Illi l-attici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta kawza ta’ separazzjoni kontra zewgha b'digriet moghti f’dan is-sens minn dina l-Onorabbli Qorti tal-10 ta' Marzu 2016;

4. Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u dan meta hija saret taf minn terzi illi qabel ma' gie kkontrattat dan iz-zwieg il-konvenut kien mizzewweg lill-terza persuna ohra gewwa s-Sirja u kellu wkoll it-tfal. Illi l-esponenti ghalhekk kienet kostretta tipprezenta din l-istanza.

5. Illi ma kienx possibbli illi jintlahaq ftehim bonarju ta' separazzjoni minhabba li l-konvenut naqas milli jattendi ghas-seduti ffissati mill-medjatrici.

Ghaldaqstant l-attrici titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:

i. tiddikjara u tipprounzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap l6) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

ii. tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

iii. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti skont il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l-Qorti jew jekk jidher xieraq lill-istess Qorti tordna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

iv. tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili Kap l6.

v. tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

vi. Tillikwida l-krediti parafernali ossija pekuljari tal-attrici u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess attrici kontra l-komunjoni tal-akkwosti tal-kontendenti.

vii. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista inter alia tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li li minnha kien hati tal-firda liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-

likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabeix jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

viii. tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-istess konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Il-konvenut gie debitament notifikat fid-19 ta’ Mejju 2016 izda ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk jinsab kontumaci.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Permezz ta’ affidavit prezentat fl-10 ta’ Gunju 2016 l-attrici xhedet kif gej:-

*“Nghid illi jiena zzewget lill-konvenut fir-Registru Pubbliku ta' Malta fis-27 ta' Novembru 2001 wara korteggjament ta' madwar sena. Jiena dak iz-zmien kelli wiehed u ghoxrin (21) sena filwaqt illi C kellu tnejn u tletin (32) sena.*

*Minn dan iz-zwieg ma' kellniex tfal.*

*Nispjega illi jiena kont ltqajt mal-konvenut gewwa bar f’Paceville. Il-konvenut li huwa Sirjan kien qieghed jahdem gewwa Malta bhala kahhal u bajjad. Nghid illi huwa kien jurini hafna rispett u konna niltaqghu ta' spiss filghaxijiet wara l-hin tax-xoghol tieghu. Il-genituri tieghi kienu sseparaw meta jiena jien ghad kelli tlettax-il (13) sena u jiena dak iz-zmien kont nghix ma' ommi.*

*Nispjega illi wara sena nohorgu flimkien l-konvenut qalli li kien qieghed jkollu problemi bil-permess ta' residenza u ghalhekk iddecidejna illi nizzewgu fir-Registru Pubbliku. Pero' gjaladarba zzewwigna u morna noqghodu f'post tal-kiri l-konvenut biddel kompletament l-atteggjament tieghu fil-konfront tieghi. Huwa beda johrog wahdu mal-hbieb tieghu u kien beda jirritorna lura d-dar hafna drabi fi stat ta' sakra fis-sieghat bikrin ta' filghodu.*

*Meta jiena kont nipprova nkellmu bil-kwiet u kont nsaqsih 'l ghaliex huwa ma' kienx johrog mieghi minflok ma' shabu huwa kien jghidli illi l-kultura taghhom hekk hi u li jiena posti kien id-dar. Il-problemi matrimonjali aggravaw meta jiena sirt naf minghand habib tieghu, li kien jahdem mieghu li l-konvenut kien*

*mizzewweg mara ohra gewwa s-Sirja u kellu tlett itfal. Jiena kont hadt xokk kbir ghaliex il-konvenut qatt ma' kien qalli li kien diga' mizzewweg lil terza persuna. Meta kont ikkonfrontajtu b'dak li kont sirt naf bih il-konvenut ammetta mieghi u qalli illi f'pajjizu seta' jizzewweg nisa kemm jrid. Jiena minn hemmhekk `il quddiem bridt fil-konfiont tieghu u ddecidejt li nitlaq mid-dar matrimonjali u mort nghix ma' ommi.*

*Nispjega illi l-konvivenza matrimonjali damet madwar xi sentejn.*

*Nghid illi assi m'ghandniex u qatt ma' iffirmajt ghal xi dejn. Ahna konna nikru d-dar matrimonjali hawn fuq imsemmija u jien qatt ma' hdimt matul iz-zwieg u bdejt nirregistra ghax-xoghol u ghamilt xi zmien nahdem bhala salesgirl wara li kont tlaqt mid-dar matrimonjali. Jiena sussegwentement iltqajt ma' ragel Malti u bdejt nghix mieghu fejn ghadni nghix mieghu sallum il-gurnata. Jiena ghalhekk mhux ser nitlob manteniment minghand il-konvenut."*

Ikkunsidrat,

Mix-xhieda tal-attrici mhux kontestata jirrizulta illi ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti unikament il-konvenut in kwantu gie sodisfacentement ippruvat illi abdika mid-doveri tieghu ta' ragel mizzewweg. Ghalkemm l-attrici tallega li matul iz-zwieg skopriet li zewgha kien gia' mizzewweg gewwa s-Sirja, ma jirrizulta li hadet l-ebda passi mal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward. Skont it-testimonjanza tal-attrici l-ahbar li l-konvenut kien gia' mizzewweg gewwa s-Sirja kisser darba ghal dejjem il-possibilta' li jsalvaw iz-zwieg taghhom. Kien ghalhekk illi hija telqet mid-dar matrimonjali. Illum ghandha relazzjoni ma' ragel iehor u ghalhekk ma hiex qed titlob manteniment minghand il-konvenut.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut,

1. Tilqa' l-ewwel talba, tiddikjara u tipprounzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap l6) tistabbilixxi l-1 ta' Jannar 2015 bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba attrici peress li l-attrici irrinunzjat ghaliha fil-mori tal-kawza.

4. Tilqa’ r-raba’ talba, tapplika kontra l-konvenut interament id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili Kap l6.

5. Tichad il-hames u s-sitt talba.

6. Tilqa’ s-seba’ talba, tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti. Tastjeni milli tillikwida l-komunjoni peress li mill-atti ma jirrizultaw ebda assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

7. Tilqa’ it-tmien talba, tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku din is-sentenza.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-istess konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**